MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1202/1997/1

**Raymond u Rosemary konjugi Barbara f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' uliedhom Bernardine u Jeanette, eredi universali ta' Andre` Barbara u *stante* li Bernardine Mintoff (gia` Barbara) saret maggiorenni tassumi l-atti f'isimha proprja u b'digriet tas-27 ta' Frar 2007 Jeanette Barbara assumiet l-atti tal-kawza f'isimha proprju *stante* li hija saret maggiorenni.**

**vs**

**1. L-Avukat Generali**
**2. Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici.**
**3. Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2004 l-atti qed jigu trasfuzi f'isem l-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta’ Mejju 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi fl-1 ta’ Gunju 1995 ghall-habta tal-hamsa ta’ filghaxija, iben l-atturi Andre` Barbara miet tragikament (kif jirrizulta mill-annessi kopja tac-certifikat tal-mewt immarkat Dok. “A”) meta l-vettura tieghu tal-marka Hillman Hunter numru H-4044 (erbgha zero erbgha erbgha) kienet involuta f’incident awtomobilistiku li wassal sabiex l-istess vettura waqghet gholi ta’ zewg sulari minn Santa Venera Bypass ghal go gibjun li jaghti ghal Valley Road, Birkirkara; u

Illi dan l-incident gara minhabba negligenza u nuqqas ta’ attenzjoni da parti tal-konvenuti li naqsu li jassikuraw li t-triq minn fejn kien ghaddej iben l-atturi u cioe` Santa Venera Bypass ma tkunx ta’ periklu ghall-utenti ta’ l-istess triq; u

Illi l-vettura misjuqa minn bin l-atturi waqghet ghal gol-gibjun peress li l-hajt li jaqsam l-istess triq mid-dizlivell li jezisti fl-inhawi, ma kienx gholi u b’sahhtu bizzejjed biex jilqa’ l-eventwalita` ta’ impatt awtomobilistiku, kif jidher car mir-ritratt hawn esebit a Dok. “B”; u

Illi fil-fatt, ftit gimghat wara l-incident, l-awtoritajiet tat-toroq, hadu hsieb biex jghollu u jsahhu l-livell tal-hajt imsemmi sabiex il-perikolu li kien jezisti qabel jitnehha; u

Illi fil-gurnata ta’ l-incident, iben l-atturi kellu biss kwazi dsatax-il sena, u kien impjegat bhala “gunner” mal-Forzi Armati ta’ Malta, u

Illi minhabba l-incident u l-mewta tragika ta’ binhom l-atturi, bhala l-unici eredi ta’ l-istess binhom sofrew danni konsistenti f’ “*damnum emergens*” u “*lucrum cessans*”, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u

Illi nterpellati jaddivjenu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi li l-incident *de quo* sehh bir-responsabbilta` tal-konvenuti minhabba negligenza u inattenzjoni *da parte* taghhom, u

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident u tal-mewta tragika ta' Andre` Barbara *okkorrendo* bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni likwidati skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 1997 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok."C") u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-istess att gudizzjarju kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif illum presjeduta ghas-seduta tas-7 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Avukat Generali, d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, u d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, datata 5 ta' Mejju 1998 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali tar-Repubblika mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi l-konvenuti hadu l-prekawzjonijiet kollha biex jassiguraw li t-triq in kwistjoni ma tkunx ta' perikolu ghall-utenti taghha.

3. Illi l-incident gara unikament minhabba sewqan traskurat u negligenti da parti ta' Andre` Barbara.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kollha a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 25 ta' Settembru 1998 li biha pprezentat l-affidavit ta' Rosemary Barbara (fol. 20).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-8 ta' Frar 1999 sal-24 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota ta' Raymond Barbara *pro et nomine* datata 15 ta' Marzu 1999 (fol.29) li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u dan sas-seduta tat-28 ta' Frar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u bid-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 24 ta' Mejju 2002 sas-26 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-4 ta' Frar 2003, 11 ta' April 2003, 21 ta' Mejju 2003, 3 ta' Ottubru 2003, 30 ta' Jannar 2004, 30 ta'

Marzu 2004, 4 ta' Mejju 2004, 11 ta' Gunju 2004; u 9 ta' Lulju 2004 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa zewg seduti sabiex tisma' x-xhieda kollha li fadlilhom l-atturi; 3 ta' Novembru 2004, 23 ta' Novembru 2004, l-1 ta' Frar 2005, 18 ta' Marzu 2005, 13 ta' Mejju 2005, 28 ta' Gunju 2005 u 16 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, inkluza x-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati, kollox kif jidher minn fol. 126 sa fol. 175 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Bernardine Mintoff datata 11 ta' Novembru 2004 a fol. 177 tal-process fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tar-rikorrenti u l-Qorti laqghet it-talba skond digriet datat 18 ta' Novembru 2004.

Rat ir-rikors ta' Raymond Barbara *et* datat 9 ta' Novembru 2004 (fol.178) fejn talbu lill-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-Awtorita` ta' Malta Dwar it-Trasport sabiex tissokta l-kawza minflok id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u tordna l-korrezzjonijiet kollha necessarji kull fejn fl-atti jirrikorri l-kliem Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u b'digriet datat 23 ta' Novembru 2004 il-Qorti laqghet it-talba fis-sens li ordnat li l-atti jigu trasfuzi minn fuq isem il-konvenut Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq ghal fuq isem Awtorita` ta' Malta dwar it-Transport.

Rat il-verbal ta' l-access mizmum nhar il-Hamis 14 ta' Lulju 2005 f' Valley Road. Prezenti kien hemm il-partijiet assistiti mid-difensuri, Dr. Christian Farrugia, Dr. John Mizzi, Dr. Katia Mercieca, Dr. Franca Giordmaina u Dr. Audrey Vella Buttigieg. Deher ukoll il-Perit John Demicoli.

Rat in-nota tal-konvenut Direttur Generali tat-Taqsima Xoghlijiet datata 2 ta' Dicembru 2005 (fol. 226) li permezz taghha esebixxa kopji tal-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Marzu 1994, tat-30 ta' Ottubru 1996 u tad-9 ta' Settembru 1998 fejn jirrizulta l-Assenjament lill-Ministri ta' Responsabbilta` ghad-Dipartiment tal-Gvern.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-15 ta’ Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Christian Farrugia ghall-attrici, Dr. John Mizzi ghall-attur, prezenti l-atturi u Dr. Franca Giordmaina ghad-Direttur tax-Xoghlijiet, u Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-Avukat Generali u ghall-Awtorita` tat-Trasport. Dr. Franca Giordmaina ghad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet u Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-Avukat Generali u ghall-Awtorita` tat-Trasport iddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom. Dr. Giordmaina ddikjarat li l-Awtorita’ dwar it-Trasport hija llum l-entita` responsabbli mit-Toroq. Dr. Farrugia f’dan l-istadju talab li jaghmel kontro-ezami tax-xhud Ray Farrugia. Il-Qorti ghal dan l-iskop innominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm seduta wahda fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi kollha, kontro-ezamijiet u ri-ezamijiet kollha li hemm bzonn, u b’hekk il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta’ Ottubru 2006.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli datati 22 ta’ Gunju 2006, 2 ta’ Ottubru 2006, 30 ta’ Novembru 2006, 8 ta’ Frar 2007, 26 ta’ Frar 2007 u 2 ta’ April 2007.

Rat ir-rikors ta’ Janette Barbara datata 23 ta’ Frar 2007 a fol. 274 tal-process fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna taghha u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-istess tigi ndikata fl-atti u dan b’digriet moghti fis-27 ta’ Frar 2007 kif jidher a fol. 276 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-8 ta’ Mejju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Franca Giordmaina ghad-Direttur tax-Xoghlijiet u Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-Avukat Generali. L-Avukati prezenti talbu li jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta’

osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din il-kawza tirrigwarda l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Gunju 1995 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija meta l-vettura Reg Nru H-4044, misjuqa minn Andre' Barbara, li waqghet gholi ta' zewg sulari minn Sta Venera Bypass ghal go gibjun li jaghti ghal Valley Road, Birkirkara. F'dan l-incident is-sewwieq Andre' Barbara tilef hajtu.

Illi ghalhekk l-atturi bhala eredi ta' Andre' Barbara pprezentaw din il-kawza peress li qeghdin jallegaw li ta' dan l-incident jahtu l-konvenuti peress li naqsu li jassikuraw li t-triq minn fejn kien ghaddej Andre' Barbara ma tkunx ta' periklu ghall-utenti ta' l-istess triq *stante* li l-vettura waqghet ghal gol-gibjun peress li l-hajt li jaqsam triq mid-dizlivell ma kienx gholi bizzejjed.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tieghu ghanda tigi milqugha peress li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u allura qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-konvenuti, ghar-rigward tal-mertu, min-naha taghhom sostnew fin-nota tal-eccezzjonijiet li huma hadu l-prekawzjonijiet kollha biex jassiguraw li t-triq in kwistjoni ma tkunx ta' periklu ghall-utenti taghha. Inoltre' eccepew

ukoll li l-incident gara unikament minhabba sewqan traskurat u negligenti da parti ta’ Andre’ Barbara.

Illi mill-process verbal migbur mill-Magistrat Inkwirenti Dr Sivio Meli rrizulta li l-esperti medici kkonkludew li :

*“This young male died of head injury namely a fracture of the skull sustained in a motor vehicle accident with a fall from a height”.*

Illi xhieda okulari ghal dan l-incident ma gewx prodotti u l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Richard Aquilina, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, li acceda fuq il-post tal-incident in kwistjoni huma fis-sens segwenti u cjoe’:-

*“ 1. Illi l-post minn fejn il-karozza qabdet il-bankina u wara laqtet il-hajt, huwa qrib sew tal-kantuniera ta’ din it-triq mal-By Pass. Ghalhekk biex wiehed minn gol-By Pass jaqbad it-triq li taghti ghall-Wied ta’ l-Imsida ikollu jnaqqas il-velocita’.*

*2. Illi peress illi l-post fejn din il-karozza laqtet il-bankina hu qrib hafna tal-kantuniera jidher li din il-karozza daret b’certu velocita’ li ghal xi raguni ma gietx imnaqqsa u li ma kenitx ippermettiet illi l-isteering jigi ddrittat u cioe’ il-karozza baqghet bl-isteering milwi ghal gol-hajt.*

*3. Illi l-hajt tat-triq kien biss ohxon pied u nofs (1’6”) fin-naha ta’ fuq tieghu. Dan kien maghmul minn zewg knaten imissu ma’ xulxin. Il-hajt kien imtarrag mat-triq u fl-gholi tieghu kien ivarja bejn filata ghal ftit pulzieri.*

*4. Illi ftit wara li l-karozza kienet rikbet il-bankina, din laqtet il-hajt li rikbitu wkoll u ftit aktar l-isfel waqghet gholi ta’ tnejn u tletin (32) filata li jaghmlu tmienja u ghoxrin pied u tmien pulzieri (28’ 8”) u cioe’ tmienja punt seba’ (8.7) metri. Din il-karozza giet fuq il-hama niexef u minn hemm intremiet ghal go l-ilma ta’ gol-gibjun.*

*5. Illi l-hajt tat-triq kien baxx wisq biex jilqa’ u ma kienx hemm ‘crash barrier’.*

*6. Illi l-esponent jirrileva illi fin-naha ta' fuq tat-triq kien hemm xi 'brake marks' qosra u paralleli izda dawn ma kienux jikkonducu ghal fuq il-post fejn intlaqtet il-bankina. Gie ukoll ikkostatat illi fin-naha ta' isfel tat-triq kien hemm sinjali fuq kull naha li jindikaw li wiehed ma setghax isuq lill-fuq. Dik tan-naha tax-xellug kienet tidher sew, izda dik tal-lemin kienet mistura bis-sigra".*

Illi ma huwiex kontetstat li minn ezamijiet teknici l-karozza misjuqa minn Andre' Barbara ma kellhiex xi hsara teknika li sehhet qabel l-incident u li l-mejjet Andre' Barbara ghamel kors ta' Auto Engineering li dam tlett snin. Wara dan il-kors beda jahdem fl-Armata u wara tlett xhur *probation* beda jahdem bhala *gunner* mas-2nd Regiment. Hemmhekk gie impjegat bhala *'driver with the motor transport section, Headquarters Company'* (a fol.152 tal-process). Andre' Barbara meta miet kien ghadu guvni wirtuh *ab intestato* l-atturi missieru u ommu u z-zewg hutu bniet atturi wkoll.

Illi sabiex tigi determinata l-ewwel talba trid tigi stabbilita l-kawza prossima ta' l-incident. L-atturi jsostnu li r-raguni tal-mewt ta' l-istess guvni kienet li t-triq mhiex kostruwita skond is-sengha u l-arti u hija inerentament perikoluza, partikolarment ghax hija nizla b'kurvatura qawwija minghajr ebda *crash barriers* fl-ebda tarf tat-triq, hemm biss cint - li minflok kien jikkostitiwixxi *crash barrier*, meta jintlaqat iserva ta' rampa li ttir minn fuqu u taqa' ghal isfel.

Illi l-atturi sostnew li ghalkemm binhom ma kienx ilu wisq isuq huwa kien jaf isuq sewwa u kellu l-esperjenza tant li f'xogholu bhala suldat mal-Forzi Armati ta' Malta kien sewwieq ta' l-i*staff* u tal-Kurunell Albert Camilleri. Jinghad mill-ewwel li zgur li guvni li kien ilu jsuq biss ghal ftit xhur ma kellux esperjenza tas-sewqan. Il-fatt li fuq xogholu kien sewwieq tal-Kurunell ukoll mhiex garanzija ta' esperjenza.

Illi *stante* li ma kienx hemm xhieda u s-sewwieq miet din il-Qorti tista' biss tirreferi biss ghall-rapporti li saru mill-investigaturi ta' l-istess incident inkluz dak li rrelata fuqu il-Perit Tekniku Richard Aquilina rigward id-dinamika tal-

incident u dan anke kif jirrizulta mill-process verbal tal-Inkjesta Magisterjali, fejn inghad apparti dak li gie fuq konstatat, ukoll li *"peress illi l-post fejn din il-karozza laqtet il-bankina hu qrib hafna tal-kantuniera jidher li din il-karozza daret b'certu velocita' li ghal xi raguni ma gietx imnaqqsa u li ma kienitx ippermettiet illi l-isteering jigi iddrittat u cioe' il-karozza baqghet bl-isteering milwi gol-hajt".*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm ma gietx stabbilita l-velocita' li kien ghaddej biha Andre' Barbara, xorta jirrizulta pero' li meta wasal ghall-kurvatura huwa ghal xi raguni ma ppruvax inaqqas mill-i*speed* li huwa kien ghaddej bih, tant li tilef ghal kollox il-kontroll tal-vettura tieghu.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-*fattispecie* partikolari tal-kaz li Andre' Barbara kien qed isuq b'mod imprudenti ghal dik l-lokalita' b'mod li s-sewqan tieghu ma tax lok sabiex huwa jkollu kontroll tal-vettura tieghu, u li konsegwenza ta' l-istess jidher li huwa effettivament tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, tant li habat mal-bankina u bil-mod kif kien ghaddej, huwa anke qabez il-hajt li kien hemm fl-istess triq, b'dan li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess *decujus* naqas li jirregola tempestivament is-sewqan tieghu, b'mod li naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma' gie ghal dik il-parti tat-triq li kienet fatali ghalih, b'dan li ghalhekk huwa pogga lilu nnifsu bis-sewqan imprudenti tieghu f'posizzjoni ta' *self inflicted incapacity*; dan huwa rifless mill-fatt li fis-sewqan tieghu naqas li jiehu in konsiderazzjoni fil-kontroll tal-vettura tieghu, kif kien ser jipprocedi minn dik il-parti tat-triq li certament, haga li l-istess sewwieq setgha u kellu janticipa fl-investiment tal-vettura tieghu; dan jidher li ma sarx tant li sfortunatament l-istess Andre' Barbara ma kkontrollax il-vettura tieghu sew qabel l-impatt. Din ma hijiex kwistjoni biss ta' velocita' izda wkoll ta' sewqan prudenti li necessarjament jiehu in konsiderazzjoni t-toroq li huwa jkun ghaddej minnhom, inkluz id-dawrin li jinkorporaw l-istess skond il-kaz.

Illi hawn tista’ ssir riferenza ghas-sentenza **“David Scerri et vs Anthony Ciantar et”** (P.A. (PS) - Cit. Nru: 728/97/PS – 3 ta’ Ottubru 2003) fejn intqal hekk :-

*“Huwa pacifiku illi anke fejn l-ispeed jitqies konformi ghar-regoli tas-sewqan, eppure certu speed kapaci jinnewtralizza dak il-margini ta’ sikurezza tant importanti u necessarju f’kull kaz ta’ emergenza li tista’ tinqala jew li sewwieq sab ruhu konfrontat minnha f’kull mument tas-sewqan”.*

Illi l-atturi riedu jaghtu impressjoni li binhom *nonostante* li ma kienx ghad ghandu dsatax-il sena u kien ilu biss ftit xhur isuq, huwa kellu esperjenza fis-sewqan. Huwa minnu li fuq xogholu mal-Forzi Armati kien inghazel bhala *driver* ghall-i*staff* tal-kurunell, liema kurunell xehed kemm il-guvni kellu kwalitajiet sbieh, pero’ anki f’dan ix-xoghol kien ilu biss ftit xhur. Ghalhekk zgur hawnhekk ma jistax jinghad li kellu xi esperjenza. Irrizulta li l-licenzja hadha fit-3 ta’ Jannar 1995 (Dok. “DC” a fol.174 tal-process).

Illi ladarba rrizulta li l-karozza li kien qed isuq Andre’ Barbara ma kellha l-ebda hsara teknika huwa evidenti li Andre’ Barbara, anke sforz ta’ ftit esperjenza fis-sewqan, ma naqqasx il-velocita’ tal-karozza meta kellu jnaqqasha u b’hekk tilef il-kontroll ta’ l-istess karozza u dan ghaliex minhabba nuqqas ta’ attenzjoni huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Konsegwentement din il-Qorti thoss li s-sewqan imprudenti u negligenti ta’ l-istess Andre’ Barbara kien almenu parti mill-kawza prossima ta’ l-istess incident, anke ghaliex kieku l-istess *decujus* kien qed isuq bl-attenzjoni debita ma kellu qatt jispicca fuq il-bankina u jahbat mal-hajt li kien hemm fl-istess triq.

Illi hawn il-Qorti ser taghddi sabiex tezamina l-allegazzjoni ta’ l-atturi li r-responsabbilta’ ta’ l-incident kienet fuq min bena t-triq u min kien responsabbli ghall-manutenzjoni taghha ghax *“it-triq kif kostruwita hija trappola ghall-mewt”.* Fil-fatt l-istess atturi jsotnu li anke li kieku kienu jezistu xi *crash barriers* fil-mument tal-incident – li effettivament ma kienux jezistu dak in-nhar – tant li kien hemm biss hajt baxx hafna, dan l-incident ma kienx

iwassal ghall-mewt ta' l-istess *decujus*, u hawn jaghmlu riferenza ghall-principju li l-Gvern jew l-entitajiet kompetenti huma obbligati li dak li huwa accessibbli ghall-pubbliku ikun sikur u provdut kontra kull perikolu.

Illi dwar dan, din il-Qorti tibda billi tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet **"Fiorino D'Oro Co. Ltd vs Direttur tat-Toroq"** (Cit. Nru : 1781/2001/TM – 16 ta' Jannar 2003) fejn inghad:-

*"……...l-kuncett tar-responsabbilta' tal-Gvern hi bazata, bhal dak tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 et seq tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li 'jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu' – artikolu 1030 Kodici Civili. Fil-kawza 'Xuereb et vs Micallef et', deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1953, intqal li 'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghal Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregjudizzju lit-terzi' (ara ukoll 'Apap Bologna vs Borg Olivier', deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 1958; 'Zahra vs Direttur Xoghlijiet Pubblici' deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru, 1991; u, aktar, 'Micallef vs Direttur tax-Xoghlijiet', deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001).*

*Fil-kaz in kwistjoni, m'hemmx dubbju li jidhol fost il-jeddijiet tal-Gvern, id-dritt, anzi, l-obbligu, li jipprovdi toroq tajbin u adegwati ghall-uzu mic-cittadin u ta' dawk li jigu jzuruna".*

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-entitajiet li kienu responsabbli ghat-triq in kwistjoni agixxew b'imprudenza, b'negligenza u bla hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u dan peress li jirrizulta mill-provi prodotti li fil-punt tat-triq fejn waqa' l-istess *decujus* fl-istess triq kieku kien hemm *crash*

*barriers*, l-istess *decujus* ma kienx jaqa’ gholi ta’ 8.7 metri ghal go gibjun u allura certament li l-istess entitajiet responsabbli ghall-bini ta’ l-istess triq, ikkontribbwew ghall-istess incident, u dan johrog car mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, mill-rapport Magisterjali tal-Magistrat Silvio Meli u anke mix-xhieda ta’ Anthony Brincat. Fil-fatt il-konkluzjoni tal-Inkjesta Magisterjali hija fis-sens li:-

*“Wara li sehh l-incident in dizamina twahhal “barrier” tal-hadid fit-triq fejn sehh l-istess incident u hu perswaz li kieku dan il-“barrier” kien imwahhal fil-post fid-data ta’ l-incident dan zgur ma kienx ikollu l-effetti negattivi li fil-fatt sehhew”.*

Illi dan jinsab ikkonfermat mir-ritratt esebit a fol. 5 tal-process li juri l-post minn fejn waqa’ l-mejjet b’cint veru baxx (fol. 4) tal-process u wkoll deskritt fl-okkorrenza (fol. 60) u r-ritratt immarkat bhala Dok. “AB1” a fol. 136 tal-process, li juru li fl-istess post tpogga ftit wara l-incident *crash barrier*, proprju biex jevita li jsehh incident simili bhal dak odjern. F’dan is-sens din il-Qorti thoss li dan jipprova b’mod mill-iktar elokwenti li l-istess entita’ jew entitajiet responsabbli mit-toroq, hassew li kellhom jaghmlu xi haga sabiex jevitaw il-perikolu li persuna li tkun qed tuza’ l-istess parti tat-triq, anke jekk tkun qed issuq b’mod negligenti, tispicca taqa’ dak l-gholi kollu, u din il-Qorti thoss li certament li din il-prekawzjoni kellha tittiehed mill-ewwel minn min ghamel l-istess triq, proprju minhabba l-perikolu li tali stat ta’ triq, inkluz il-kurvaturi li hemm fiha, u fuq kollox il-gubjun li tista’ taghti ghalih, joholqu ghall-utenti ta’ l-istess, perikolu li fih innifsu jwassal sabiex l-utenti ta’ l-istess triq isuqu b’mod iktar prudenti, izda wkoll li min kien u huwa responsabbli ghall-bini u manutenzjoni ta’ l-istess triq, jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex inaqqas il-perikolu ghall-utenti ta’ l-istess triq.

Illi tenut kollu ta’ dak premess din il-Qorti thoss li l-konkluzjonijiet ta’ l-Inkjesta Magisterjali tal-Magistrat Dr. Silvio Meli huma veru f’lokhom peress li juru b’mod mill-iktar elekwenti li l-istess incident ma kien ikun daqshekk gravi kieku kien hemm ilqugh ahjar max-xifer ta’ l-istess triq u dan qed jinghad anke fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-

Kapitolu 10 dwar regolamenti li jridu jigu segwieti ghall-bini, manutenzjoni u riparar ta' toroq, liema regoli ghandhom jigu ottemperati minn kulhadd anke ghaliex joffru mizuri addattati biex tithares l-inkoluminita' tal-persuni, dover li jinkombi fuq kulhadd, kompriz dawk ta' l-ghola awtorita' pubblika kompetenti li ghandha dejjem id-dover li tassikura f'kull mument l-osservanzi taghhom **"Richard Fenech vs Rook Construction Limited et"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003). Illi ghal dan il-kaz japplika wkoll dak li gie ritenut fis-sentenza **"Francesco Psaila et vs. Direttur Generali (Drainage Department) et"** (P.A. (JRM) – 27 ta' Ottubru 2005) li l-ammistrazzjoni pubblika, bhala sid tat-toroq pubblici ghandha tipprevedi sitwazzjonijiet determinanti jekk mhux ukoll perikoluzi, u f'dan il-kaz, anke mill-access li zammet din il-Qorti diversament presjeduta, jidher li gie stabbilit l-istat ta' l-istess triq. (**"Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003).

Illi mhux hekk biss izda x-xhieda ta' Anthony Brincat tikkonferma u tikkorrobora din il-konkluzjoni u dan peress li huwa xehed li bhala fatt huwa jaf b'kaz fejn meta proprju kienu qed isiru dawn il-*crash barriers, concrete mixer* habat maghhom u ovvjament ma spiccax waqa' fil-gibjun, bil-konsegwenza li certament bl-installazzjoni ta' l-istess *barriers*, d-danni setghu gew sew minimizzati. Fil-fatt l-istess xhud xehed hekk:-

*"I had been directed by my superiors to install these crash barriers because there were police reports indicating that there were lots of accidents occurring on that particular spot, particularly people dropping over the bridge ….I remember that, while we were installing these barriers, a concrete mixer was in the road and it ended up by crashing the newly installed crash barriers while the work was being carried out".*

Illi din il-Qorti thoss li hekk hija l-posizzjoni attwali fil-kaz odjern, u hawn issir riferenza wkoll ghax-xhieda dwar il-mod kif tinsab mibnija l-istess triq u s-senjaletika dwar l-istess u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li minhabba dan id-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici u l-Awtorita' ta' Malta

dwar it-Trasport ghandhom jinzammu responsabbli fil-grad ta' hamsin fil-mija (50 %) ta' l-incident, mentri d-*decujus* huwa responsabbli ghall-grad ta' hamsin fil-mija (50 %).

Illi ghalhekk tenut kont li mhux kontestat li l-hajt tat-triq kien maghmul minn zewg knaten imissu ma' xulxin u lanqas m'hu kkontestat li fiz-zmien ta' l-incident ma kienx hemm *crash barriers* u li dawn twahhlu xi xhur wara, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti f'din il-kawza l-istat tal-hajt ta' l-istess triq ikkontirbixxa b'mod deciziv ghall-incident li sfortunatament tilef hajtu fih l-imsemmi Andre' Barbara, b'dan li din il-Qorti thoss li n-ness ta' kazwalita' necessarju sabiex tigi determinata r-responsabbilta' ta' l-incident u l-mewt ta' l-istess sewwieq, kien proprju kemm is-sewqan imprudenti ta' l-istess *decujus* u l-mod ta' kif l-istess dipartimenti jew awtoritajiet ikkostruwew l-istess triq inkluz li ma kienx hemm protezzjoni sew sabiex utenti ta' l-istess triq ma jaqax dak l-gholi kollu ghal go gibjun li hemm taht l-istess triq, b'mod li din il-Qorti thoss li l-assenza jew in-nuqqas ta' *crash barriers* fid-data ta' l-incident iggravaw u awmentaw id-danni kkawzati fl-istess incident, u b'hekk ir-responsabbilta' qed tigi apporzjonata bil-mod kif indikat iktar 'l fuq.

Illi dwar *damnum emergens* ma ngabu ebda provi, u ghalhekk jonqos li jigu likwidati d-danni maghrufa bhala *lucrum cessans* abbazi ta' l-artikolu 1045 tal-Kap 16 u din il-Qorti tirrileva li f'kaz ta' mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius"** (A.C. 28 ta' Novembru 2003) fejn inghad:-

*"Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan*

*il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili".*

Illi l-istess jinghad fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Mizzi et vs Paul Genovese et"** (A.C. – 3 ta' Marzu 2006) fejn inghad illi:-

*"A skans ta' ripetizzjoni ghalhekk, qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali* **(Anthony Turner et vs Frances Agius et)** *ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha pjenament u dan ifisser li l-quantum tad-danni f'din il-kawza wkoll irid jigi ridott sostanzjalment……………….."* u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li sostniet u affermat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza kemm rigward *multiplier* li ghandu jinhadem fuq medda ta' hajja lavorattiva, il-grad ta' dipendenza bejn il-vittma u l-atturi fejn fl-ewwel lok isiru ezercizzji ta' riduzzjoni mill-ammont globali ghal terz ta' l-istess ("**Isabelle Borg et vs Robert Galea et" – P.A. (TM) 19.10.2007)** u mbaghad issir riduzzjoni ulterjuri ta' dak li huwa msejjah bhala *"self consumption"* u fl-ahhar nett issir riduzzjoni ghal dak imsejjah bhala *lump sum payment*, tenut kont kemm ikunu hadu l-proceduri in ezami.

Illi l-istess *decujus* kellu 19-il sena meta miet u kellu ntorju ta' Lm239.33 (€557.49) fix-xahar li jammontaw ghall-Lm2,871.96 (€6,689.87) fis-sena u dwar il-konsistenza tal-principji stabbiliti fl-istess kawzi, nkluz dak maghruf bhala l-*multiplicand* din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' Lm3,300 (€7,686.93) u applikati l-istess principji ndikati fl-istess sentenza u biex jinzamm l'hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorattiva ma' dak tac-*"chances and changes of life"* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier* skond id-decizjonijiet l-aktar ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u tenut kont li fid-data tal-mewt Andre` Barbara kellu 19-il sena, l-*multiplier* adoperat ghandu jkun ta' 39 sena.

Illi minbarra dan il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tad-*dependency issue* u jkun hemm tnaqqis ghal terz (1/3) ta' l-istess ammont rizultanti ghal tlieta u tletin fil-mija (33%) u

minbarra dan trid titnaqqas somma ohra, dik maghrufa bhala *"self consumption"* fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Illi hekk mahduma, din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell anke fis-sentenzi fuq citati u inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Saviour Ellul Bonici vs Salvatore Farrugia"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u la darba ghaddew iktar minn ghaxar snin minn meta gara l-incident ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment* u dan anke in sostenn ta' dak li gie ritenut fis-sentenzi fuq citati dwar l-istess, inkluz fil-kawza **"Gerhard Kruger vs Paul Bondin"** (P.A. (JRM) – 4 ta' Novembru 2004) u dik fl-ismijiet **"Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et"** (P.A. – 20 ta' Gunju 2002) fejn inghad li:-

*"Il-Qorti thoss li dan il-persentagg ghandu jonqos bi 2% ghal kull sena li l-kwistjoni ddum ma tigi determinata b'mod li wara ghaxar snin dan it-tnaqqis ma jsehhx".*

Illi ghalhekk is-somma li tirrizulta li ghandhom ihallsu l-konvenuti ndikati tenut kont li ghandhom 50% tar-responsabbilta' wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti u cjoe':-

(Lm3,300 x 39 x 33% x 75% x 50% = Lm 15,926).
(€7686.93 x 39 x 33% x 75 % x 50% = (€37,097.60)

Illi dan iwassal ghalhek sabiex it-tieni u t-tielet talba attrici jigu milqugha fil-konfront tal-konvenuti d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport (li assumiet r-responsabbilta' tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq) fl-ammont ta' hmistax-il elf, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm15,926 - €37,097.60)

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut l-Avukat Generali u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet attric** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-.

1. Taqta' u tiddeciedi li l-incident *de quo* li sehh fl-1 ta' Gunju 1995 fejn miet Andre' Barbara sehh bi htija kontributorja ta' l-istess decujus Andre' Barbara kwantu ghall-hamsin fil-mija (50%) tieghu kif ukoll bi htija tal-konvenuti d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport (li assumiet ir-responsabbilta' tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq) solidalment bejniethom kwantu ghall-hamsin fil-mija (50%) tar-responsabbilta' u tad-danni u dan minhabba negligenza u inattenzjoni *da parte* taghhom rispettivament kif hawn deciz.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident u tal-mewta tragika ta' Andre` Barbara li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport solidalment bejniethom fl-ammont ta' hmistax-il elf, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm15,926) [sebgha u tletin elf u sebgha u disghin Ewro u sittin centezmu ta' l-Ewro (€37,097.60)].

3. Tikkundanna l-konvenuti hawn indikati Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi d-danni likwidati skond it-tieni talba fl-ammont ta' hmistax-il elf, disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm15,926) [sebgha u tletin elf u sebgha u disghin Ewro u sittin centezmu ta' l-Ewro (€37,097.60)].

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati kwantu ghan-nofs mill-atturi u nofs l-iehor mill-konvenuti Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport solidalment bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------